**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, it-8 ta' Frar 2023**

Kaz Nru: 479/2008

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Norbert Ciappara)

**kontra**

**ALAN BROWN**

(Detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 109375(M))

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Alan Brown** ta' 32 sena, mwieled il-Pieta' fit-12 ta' Frar 1975, iben James u Maria nee' Galea, residenti gewwa numru 3, St Peter, Triq San Pietru, Sliema u detentur ta' numru tal-karta tal-identita' bin-numru 109375(M), senjatament akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-5 t'Ottubru 2007 kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx

b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali datat l-10 ta' Dicembru 2008, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz tieghu, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[1];

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta kif ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn din il-Qorti diversament preseduta;

Rat u Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

A. <u>Il-Fatti</u>

Il-kaz odjern jirrisali lura ghall-5 t'Ottubru tas-sena 2007. F'dak il-perjodu, skond ix-xhieda tal-ufficjal investigattiv, il-pulizija kienu ghaddejjin bl-investigazzjonijiet taghhom fil-konfront ta' Ivan Bajada u Clare Borg, fejn huma kienu ossevaw li dawn iz-zewgt individwi jidhlu fir-residenza ta' certu Eusebio Busuttil gewwa l-Hamrun. Il-pulizija marru sabiex jaghmlu tfittxija f'din ir-residenza, fejn ghalkemm habtu fuq il-bieb, il-persuni li kien hemm f'din ir-residenza ma fethux il-bieb. Ghaldaqstant il-pulizija procedew sabiex jizgassaw il-bieb ta' din residenza fejn hemmhekk sabu lis-sid tal-imsemmija residenza – Eusebio Busuttil, flimkien ma Ivan Bajada, Clare Borg u l-qua imputat – Alan Brown. PC 2013 Nicolai Borg, li kien wiehed mill-ewwel ufficjali li daha fl-imsemmija residenza jghid li meta dahal fl-istess residenza ghalkemm sab lill-persuni hawn fuq imsemmija hemmhekk huwa ma ra lill-hadd minnhom jikkonsma d-droga. L-ufficjali li ghamlu tfittxija f'din ir-residenza jispjegaw li hemmhekk fuq il-mejda tal-kcina huma sabu: imqass, karta mdawwra bit-tape

[1] Fol. 2 tal-atti processwali

kannella, xi pakketti b'sustanza kannella suspettata eroina, siringi uzati u tourniquet. Fil-bitha tal-imsemmija residenza, l-ufficjali tal-pulizija osservaw trab kannella mal-art u f'bitha adjacenti ma din il-bitha nstab mizien imkisser flimkien mal-kumplament tal-karta bit-tape li kien hemm fuq il-mejda tal-kcina, kif ukoll pakkett li go fih kien fadal ammont kunsiderevoli ta' sustanza suspettata eroina. L-erba' persuni gew arrestati mill-pulizija. Godwin Sammut fil-proceduri odjerni kkonferma li dik is-sustanza kienet eroina u li uhud mill-oggetti esebiti bhall-imgharfa, mqass, foil u sikkina kellhom tracci tas-sustanza eroina.

Alan Brown ittiehditlu stqarrija[2] mill-pulizija nhar is-6 t'Ottubru 2007 fejn huwa ghazel li ma jwegibx ghal xi domandi. Qabel ma ttiehdet din l-istqarrija minhabba l-ligi vigenti dak iz-zmien il-qua imputat ma giex mghoti d-dritt t'assistenza legali la qabel u lanqas waqt l-istqarrija, ghaldaqstant, fid-dawl tal-kazistika ricenti tal-Qrati ta' kompetenza kriminali kif ukoll kostituzzjonali, din il-Qorti ma hijiex ser tiehu kont tal-imsemmija stqarrija meta tigi ghall-kunsiderazzjonijiet dwar ir-reita' o meno tal-qua imputat fid-dawl tal-imputazzjoni migjuba kontrieh.

Fil-kors tal-investigazzjonijiet Eusebio Busuttil ikkopera mal-pulizija fl-indagini taghhom u ta' xhieda bil-gurament fit-termini tal-artikolu 24A (12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. F'din l-istqarrija guramentata Busuttil jikkonferma li huwa joqghod wahdu fir-residenza minn fejn gie arrestat. Jekk li dakinhar tal-arrest tieghu huwa kien mar Paceville ghall-habta tal-hdax ta' filghodu bil-ghan li jiltaqa ma Ivan sabiex ikun jista' jinqeda. Jghid li ltaqa ma Ivan hdejn 'Chicken King' u li Ivan kien flimkien ma Claire u l-qua imputat. Busuttil jghid li rikeb fil-vettura ta' Ivan u minn hemm marru l-Belt, fejn Claire nizlet tixtri xi haga. Minn hemm baqghu sejrin fir-residenza tieghu (cioe' ta' Busuttil) bil-ghan li jaghmillu l-pakketti. Meta wasslu hemmhekk Ivan ta' lil Busuttil b'LM10 droga eroina. Jghid li l-pakkett ghamlu fuq il-mejda bl-uzu ta' mizien. Busuttil jixhed ukoll bil-gurament li huwa ra lill-qua imputat Alan Brown jinqeda minghand Ivan u dan billi huwa (Busuttil) kien ra lil Brown jghaddi LM10 lil Ivan filwaqt li Brown ha l-borza li Ivan ghamillu dak il-hin stess mill-borza l-kbira.

Fl-iter tal-proceduri odjerni, Eusebio Busuttil ha l-pedana tax-xhieda u reggha xehed bil-gurament dwar il-fatti indikati. Ix-xhieda tieghu kienet konsistenti ma dik moghtija fl-istqarrija guramentata u fil-fatt fl-ahhar tax-xhieda tieghu huwa ghadda sabiex jikkonferma dak li ntqal minnu fl-istqarrija guramentata bil-gurament.

Il-qua imputat, Alan Brown, minn jeddu ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda fejn ta' verzjoni pjutost differenti minn dik mghotija minn Busuttil, fejn prattikament

[2] Fol. 6 tal-atti processwali.

stqarr li dakinar kien bil-vettura tieghu li waqqfitlu fejn il-Mile end. Wara ra lil Busuttil gewwa l-Hamrun li qallu li kellu jiltaqa ma Claire u Ivan. Ghaldaqstant il-qua imputat mar ma Busuttil b'tal-linja sabiex jiltaqu ma Claire u Ivan San Giljan. L-imputat jghid li ghamel dan ghax Claire u Ivan kellhom jeep u setghu jghinuh fit-towage tal-vettura. Skond l-imputat, huwa u Busuttil iltaqghu ma Claire u Ivan u rikbu maghhom bil-jeep. Minn hemm marru l-Belt fejn waqqfu qadja u wara marru r-residenza ta' Busuttil sabiex igibu l-habel, Hekk kif kienu hemm, niezlu l-erbgha li huma minn gewwa l-vettura u Busuttil qallu sabiex jistenna wahda gol-kamra tas-sodda sakemm ikellem lil Claire u lill-Ivan. L-imputat jghid li minn hemm semgha l-bieb ihabbat u dahlu l-pulizija fuqhom. L-imputat jghid li huwa ma kien jaf xejn dwar droga u kien biss filghaxija wara l-arrest taghhom li gie nfurmat li nstabet id-droga. In kontro-ezami l-imputat jghid li huwa kien jikkonsma s-sustanza eroina madanakollu waqaf fis-sena 2004 u baqgha clean.

Id-difiza ressqet sabiex jixhed in difesa lil Ivan Bajada u lil Claire Borg. Min-naha tieghu, Bajada, stqarr li huwa kien ghaddej b'Jeep 4x4 mill-Hamrun u gewwa l-pjazza kien hemm il-qua imputat flimkien ma ragel iehor. Jghid li l-qua imputat kien talbu sabiex jirmunkalu l-karozza ghaliex din kienet waqqfitlu. Bajada jghid li ftehmu ghall-ghada filghodu, fejn kien talbu sabiex imur ghalih gewwa San Giljan, fejn l-imputat kien mar ghalih flimkien mal-istess ragel li kien mieghu fil-gurnata precedenti. Stqarr li qabel ma marru jirmunkaw il-karozza spiccaw fir-residenza tar-ragel l-iehor fejn hemmhekk huwa kien xtara d-droga eroina minghand dan ir-ragel l-iehor. Claire Borg tat l-istess verzjoni li ta Ivan Bajada u spjegat li Alan Brown ma kellu x'jaqsam xejn u li sakemm huma kien qed jinqdew ghad-droga Brown kien go kamra ohra.

B. <u>Kunsiderazzjonijiet dwar ir-reita tal-imputat</u>

Il-qua imputat, Alan Brown, jinsab akkuzat b'imputazzjoni wahda u cioe' dik ta' pussess semplici tal-eroina. Din l-imputazzjoni tistrieh unikament fuq ix-xhieda ta' Eusebio Busuttil li stqarr li dakinhar tal-arrest tieghu qabel dahlu l-pulizija huwa kien ra lil Alan Brown jinqeda ghad-droga minghand Ivan Bajada u dan ghall-prezz ta' LM10. Hekk kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminal (Sede Inferjuri) hekk kif preseduta mill-Onor. Imhallef Joe Galea Debono nhar is-6 ta' Jannar 2002 fis-sentenza fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs. Omar Pisani</u>:

> *"Illi skond l-artikolu 638 (2) tal-Kodici Kriminali, f' kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss , jekk emmnut minn min ghandu jigguidika fuq il-fatt , hijja bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox , daqs kemm kieku l-fatt gie privat minn zewg xhieda jew aktar."*

Ai termini tal-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali decizjoni dwar il-kredibilita' ta' xhud:

> *"titħalla fid-diskrezzjoni ta' mingħandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ".*

Din il-Qorti hekk kif preseduta qrat it-testimonjanza li ta Busuttil kemm fl-istqarrija guramentata u anke viva voce quddiem din il-Qorti filwaqt li rat il-komportament kemm ta' Bajada u Borg fuq il-pedana tax-xhieda meta telghu jixhdu bil-gurament fuq talba tad-difiza.

Illi l-verzjoni ta' Busuttil ma taqbel xejn mal-verzjoni mghotija mill-qua imputat. Il-verzjoni tal-qua imputat ghandha similaritajiet mat-testimonjanza ta' Bajada u Borg madanakollu xorta hemm differenzi notevoli fix-xhieda taghhom. Il-verzjonijiet mghotija minn Bajada u Borg huma simili hafna ghal xulxin madanakollu huwa stat ta' fatt li dawn jafu sew lil xulxin, ghadhom f'kuntatt sew sallum il-gurnata tant li ghandhom relazzjoni flimkien. Ghaldaqstant jirrizulta car li hemm kunflitt car bejn ix-xhud imressaq mill-prosekuzzjoni (Eusebio Busuttil) u x-xhieda in difesa. Ill hekk kif nghad fis-sentenza <u>l-Pulizija vs Martin Mark Ciappara</u> mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 2002:

> *"Meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg versjonijiet kontfliggenti (bhalma hemm f'dan il-kaz) jistghu jigru zewg affarijiet: jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement pruvat, u allura ghandu jillibera; jew, jekk ikun moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta, u, jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena ..."*

L-istess Qorti, fis-sentenza fl-ismijiet: <u>Il-Pulizija vs. Edward Scerri</u> mghotija fis-17 ta' Marzu 2016, ddikjarat hekk:

> "*Illi f'dan il-kaz, din il-Qorti kellha ix-xorti tisma' l-provi mill-gdid billi ma kenitx saret ir-registrazzjoni u traskrizzjoni tax-xhieda li instemghu quddiem l-Ewwel Qorti, izda jidher madanakollu illi essenzjalment inghad l-istess haga mix-xhieda involuti f'dan il-kaz, inkluz allura l-appellanti stess. Illi kif inghad mill-Ewwel Qorti <u>huwa minnu illi l-ispetturi u cioe' ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u l-imputat jaghtu verzjonijiet kontfliggenti, izda mhux kull kunflitt fil-provi necessarjament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata billi x-xhieda ta' xhud wiehed biss jekk emmnut minn min</u>*

*ghandu jiggudika fuq il-fatti jista' jkun bizzejjed sabiex twassal ghall-konvinciment morali kif titlob il-ligi. Dan ifisser illi mhux l-ammont ta' xhieda illi jghodd izda l-kwalità u jekk il-Qorti jidhrilha illi l-kwalità tax-xhieda ta'xhud wahdu kienet bizzejjed ghall-konvinciment morali ta' htija, allura f'dan il-kaz tista' tasal ghal dik il-konkluzjoni. Fil-fatt il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li x-xhuda tal-prosekuzzjoni kien iktar kredibbli u dan billi sostanzjat b'provi indizzjarji konsistenti il-hinijiet tar-ricevuti u l-X-reading." (*Emfazi ta' din il-Qorti).

Illi Ivan Bajada u Claire Borg xehdu li huma marru fir-residenza ta' Eusebio Busuttil bil-ghan li jixtru d-droga minghand l-istess Busuttil. Di piu' jghidu ukoll li l-imputat kien infurmahom gurnata qabel waqt li kienu hdejn il-kiosk il-Hamrun li waqfietlu l-karozza u talalbhom jghinnuh. Jghidu li huma ftehmu ghall-gurnata ta' wara meta ghal xi raguni jew ohra qabel ma marru jirmunkaw il-vettura spiccaw id-dar ta' Busuttil jixtru d-droga. Il-verzjoni tal-imputat hija xi ftit jew wisq differenti minn dik ta' dawn iz-zewg xhieda prodotti in difesa. Fil-fatt il-qua imputat, Alan Brown, fix-xhieda tieghu jispjega li l-vettura waqqfitlu dakinhar stess li huwa gie arrestat u mhux fil-gurnata ta' qabel. Huwa fl-ebda hin jghid li ltaqa ma Bajada u Borg hdejn il-Kiosk tal-Hamrun, izda kuntrarjament jghid li huwa ltaqa ma Busuttil u li kien propju dan Busuttil stess li kien miftiehem ma Borg u Bajada mhux hu (cioe' Brown) gewwa San Giljan. Il-kunflitt ta' provi bejn ix-xhieda mressqa mid-difiza stess din il-Qorti jimpingi b'mod kunsiderevoli fuq il-kreddibilita' ta' dawn ix-xhieda.

Ghal dak li jirrigwarda l-verzjoni mghotija mill-imputat, din l-Qorti ma jidhriliex li din il-verzjoni hija wahda verosimili jew li ghandha mis-sewwa. Jibda biex jinghad li kieku veru l-imputat kellu bzonn l-assistenza ta' Borg u Bajada sabiex tigi rmunkata l-vettura tieghu huwa setgha jitlob din l-ghajnuna b'telefonata u ma kienx ikun hemm il-htiega li jitilghu sa San Giljan u jergghu jinzlu. Jinghad ukoll li anke kieku l-fatt li l-vettura kienet bil-hsara, telghu b'tal-linja sa San Giljan u nizlu lura l-Hamrun sabiex tigi rmunkata l-vettura, certament ma kienx necessarju li l-erbgha li huma jidhlu fir-residenza ta' Busuttil sabiex igibu l-habel. Nizlu kollha mill-vettura u dahlu fir-residenza ta' Busuttil ghar-raguni ohra u definittivament mhux ghal habel. Dan japplika ukoll ghal Brown. Kieku dak li jghid Brown huwa minnu u cioe' li talbuh iwarrab ftit sabiex ikunu jistghu jitkellmu bejniethom, kienu jitolbuh jistenniehom fil-vettura. In oltre jinghad li din il-Qorti ssibha difficli temmen li erbgha min-nies jidhlu go residenza minghajr ma jkunu jafu l-iskop ghalxiex dehlin. Ghaldaqstant Busuttil, Borg u Bajada zgur tkellmu l-ghaliex kienu dehlin fir-residenza ta' Busuttil u dan necessarjament sar fil-prezenza ta' Brown. Fl-ahhar net, din il-Qorti ma tista' qatt issib il-verzjoni mghotija mill-imputat bhala wahda kredibbli u verosimili meta jispjega li meta l-pulizija habtu l-bieb u mar fil-kcina dan ma kien ra xejn relatat

mat-tehid tad-droga. Dan ghaliex din il-verzjoni tal-fatti definittivament ma tikkumbacax ma dak li sabu l-pulizija f'din ir-residenza minn fejn jidher car li f'dawk il-ftit mumenti qabel dahlu l-pulizija kien hemm kommossjoni shiha sabiex jinhbew oggetti li setghu kienu relatati mat-tehid tal-eroina. Fil-fatt il-pulizija jixhdu li kien hemm it-trab kannella mal-art fil-bitha. Xi oggetti li kienu ghadhom fuq il-mejda, mizien u xi sustanza li lahqet intremmet f'bitha adjacenti. Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi din il-Qorti ma thossx li l-verzjoni mghotija mill-imputat bil-gurament hija wahda kredibbli u ta' min jistrieh fuqha.

In kwantu ghax-xhieda mghotija minn Eusebio Busuttil jinghad li din kienet wahda konsistenti u sorretta mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni specjalment dak osservat mill-pulizija waqt it-tfittxija fl-istess residenza. Fix-xhieda tieghu, Busuttil fl-ebda istanza ma jipprova jiskolpa lilu nnifsu u bix-xhieda mghotija minnu stess huwa adirittura inkrimina lilu nnfisu ukoll. Huwa jispjega li l-erbgha li huma marru hemmhekk biex jikkonsmaw is-sustanza eroina. L-oggetti elevati mill-pulizija jissostanzjaw dan fil-fatt galadarba nstabu mgharfa, foil u siringa. Jghid ukoll li Bajada kien qed jizen il-piz tal-eroina li ried jghaddilhom ghall-prezz ta' Lm10. Dan il-mizien instab fil-bitha adjacenti u Busuttil ikkonferma li kien l-istess mizien uzat minn Bajada.

Ghaldaqstant, minkejja l-verzjonijiet kunfliggenti mghotija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni u d-difiza, din il-Qorti hija tal-fehma li l-verzjoni kredibbli u sorretta mill-provi mressqa hija dik ta' Eusebio Busuttil. Busuttil jixhed dwar dak li osserva b'ghajnejh u jghid li huwa ra lill-qua imputat jinqeda minghand Ivan Bajada ghas-sustanza eroina ghall-prezz ta' Lm 10. Konsegentament l-imputazzjoni ta' pussess semplici tas-sustanza eroina migjuba fil-konfront ta' Alan Brown tirrizulta sodisfacentament pruvata.

C. Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tal-imputazzjonijiet li taghhom l-imputat qed jinsab hati inkluz n-natura tad-droga nvoluta; kif ukoll il-fedina penali tal-imputat. Ittiehed ukoll kont tal-fatt li ma jirrizultax pruvat l-ammont li l-qua imputat kellu fil-pussess tieghu kif ukoll it-trapass taz-zmien minn meta sehhew il-fatti. Fin-nuqqas ta' prova dwar l-ammont tal-eroina fil-pussess tal-imputat madanakollu fid-dawl tax-xhieda ta' Busuttil li jixhed li l-qua imputat kien qed jixtri s-sustanza eroina ghalih, din il-Qorti ser tqis li l-ammont kien inqas minn zewgt grammi u ghaldaqstant ser tapplika l-piena ai termini tal-artikolu 4 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fid-dawl ta' dak li jistipula l-artikolu ___ tal-Kodici Kriminali.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 4 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-qua imputat, Alan Brown, hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-penali ta' tmenin Ewro (Eur. 80).

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur